**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġużè' Aquilina
Munxar MXR1012
**----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA/2-2010(18_08_2010).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 18 t' Awwissu 2010 u tkomplija ta' l-istess laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 14 ta' Settembru 2010, miżmumin fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairman*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi-*Chairman*.
Is-Sur Vincent Borg - Membru.
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Mark Anthony Cassar - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-14 t' Awwissu 2010.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Logħob tal-Baħar fix-Xlendi.
3. Memo 73-2010 Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.
4. Memo 94-2010 Skema ta' Finanzjament għall-Proġetti.
5. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA/1-2010(13_07_2010).

**2.00 Logħob tal-Baħar fix-Xlendi.**

2.01 Il-Kumitat Amministrattiv Xlendi kien iltaqa' mal-Kumitat għal *Sports* tal-baħar imwaqqaf fi ħdan il-Knisja tax-Xlendi nhar il-Ġimgħa, 13 t' Awwissu 2010. Ir-Rettur tal-Knisja tax-Xlendi jixtieq li l-attivitajiet li jsiru fix-Xlendi jiġu kkordinati mal-Knisja tax-Xlendi. Peress li din is-sena qed isiru xi xogħlijiet fit-triq prinċipali tax-Xlendi, l-Festa ma hijiex ser issir iżda ser isir il-logħob tal-baħar u Ġostra fil-5 ta' Settembru 2010. Ir-Rettur ippreżenta ittra fejn qegħdin jitolbu s-somma ta' madwar €482. Iċ-C*hairman*, is-Sur Godwin Azzopardi informah li din it-talba ser tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat.

2.02 Iċ-*Chairman*, is-Sur Godwin Azzopardi ssuġġerixxa li biex il-Kumitat jgħin f' dan il-logħob irid isir *flyer* b' dan il-kliem: "Il-Kumitat Amministrattiv Xlendi (Kunsill Lokali Munxar) flimkien mar-Rettur tax-Xlendi jorganizzaw il-Ġostra Tradizzjonali tax-Xlendi u logħob tal-baħar". Huwa kompla jgħid li b' dan il-mod il-Kumitat ikun qed jimxi skont ir-Regolamenti Finanzjarji. Kien hemm qbil dawn dan u s-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lir-Rettur minnufih.

**3.00 Memo 73-2010 Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.**

3.01 Iċ-*Chairman* informa lill-membri li fuq talba tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali permezz ta' Memo 73/2010 kien applika sabiex jipparteċipa fl-iskema Premju Lokalitajiet Indaf. Il-proposta tal-Kunsill hija li ssir attivita' ta' tindif. Ser isir tindif f' postijiet fix-Xlendi fejn hemm nuqqas ta' aċċessibilta' mill-Kenniesa u l-*Beach Cleaners* u għalhekk ser jintuża apparat ta' *Abseiling* u persuni mħarrġa għal dan il-għan. Proposta oħra hija li jsir tindif ta' qiegħ il-baħar mid-*Diving Schools* li hawn ix-Xlendi.

L-ispejjeż ser ikunu dawn:

| | |
|---|---|
| Printjar u Distribuzzjoni ta' *Flyers* - | €120 |
| Kiri ta' 2 *Open Skips* - | €156 |
| Kiri ta' apparat ta' *Abseiling* u Supervizzjoni - | €307 |
| *Garbage Bags* - | €060 |
| Kiri ta' Ċilindri ta' l-Arja għad-*Divers* - | €500 |
| **Total:** | **€1,143** |

Din l-attivita' ser issir is-Sibt, 21 t' Awwissu 2010.

Il-ħin kien is-6.45 ta' filgħaxija u l-laqgħa ġiet aġġornata biex titkompla l-istess Aġenda darba oħra.

Il-Kumitat Amministrattiv reġa ltaqa' nhar it-Tlieta, 14 ta' Settembru 2010, fil-5.30 ta' filgħaxija.

Preżenti kien hemm: is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairman,* is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairman*, is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru, s-Sur Joseph Sultana - Sindku u s-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru.

Is-Sur Mark Anthony Cassar - Membru bagħat ir-riżenja tiegħu fil-31 t' Awwissu 2010.

**4.00 Memo 94-2010 Skema ta' Finanzjament għall-Proġetti.**

4.01 Iċ-*Chairman* ippropona sabiex issir Rijabilitazzjoni tal-passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina.

Deskrizzjoni Teknika:

A. Tqegħid ta' ċangatura tal-qawwi fejn hi nieqsa u jitbiddlu l-imkissra.

B. Jitneħħa r-*railing* preżenti (kanni miżbugħin) u jsiru fi stil li jirrispetta l-madwar (ħadid galvanizzat miżbugħ kulur griż li 'jinħeba' mal-blat) li jirrispetta s-sbuħija tal-post. Parti mill-passaġġ m'għandux *railing* u hu ta' periklu.

C. Tiżdied is-sistema ta' dawl 'moħbi' baxx ma' l-art u jibqa' sejjer tul il-passaġġ kollu sal-baħar. Bħalissa d-dawl jasal sal-kanċell. Hemm partijiet oħra fid-dlam u ta' periklu.

D. Bdil tal-kanċell imsaddad ta' l-għar u jsir wieħed galvanizzat.

E. Tqegħid ta' bankijiet żgħar u *rubbish bin*.

F. Dan il-proġett għandu jestendi wkoll għat-'taraġ ta' ġol-bini' (il-passaġġ l-antik li kien jasal sad-dar). It-taraġ tal-konkos jiġi miksi b' qoxra tal-qawwi. Il-ġenb tat-taraġ jissebbaħ b' *pots* u pjanti. Fuqnett tat-taraġ hemm qisha fetħa – tiġi *landscaped*.

Dan il-passaġġ hu wżat ħafna minn kull min iżur ix-Xlendi, minħabba li joffri veduti sbieħ tal-Bajja. Minkejja dan, jinsab fi stat ta' telqa minħabba limitazzjonijiet finanzjarji.

Il-Kunsill jinsab f' kuntatt mal-Perit fuq rigward ta' applikazzjoni / DNO għal dan ix-xogħol ta' rijabilitazzjoni.

Wara li ssir din ir-rijabilitazzjoni dan il-passaġġ isir pubbliċizzat bħala *Heritage/Nature trail*, b' tabelli informattivi ta' natura storika u naturali (il-pjanti endemiċi ta' mal-blat).

Hu propost li dan il-proġett, li kollu kemm hu jaqbeż l-ammont massimu ta' €20,000 imsemmi f' dan il-Memo, jsir f' fażijiet. Din l-ewwel fażi tal-proġett tkopri xogħlijiet li ma jirrikjedux permessi tal-MEPA.
Fażijiet oħra jiġu proposti f' Memos futuri jew possibilitajiet oħra ta' finanzjamenti.

Fis-sitwazzjoni li l-permessi jieħdu ż-żmien, hawnhekk nixtiequ nitolbu estenzjoni tad-data tat-tmiem tal-proġett.

Kejl (approssimattiv) -

| | |
|---|---|
| Tul tal-passaġġ kollu - | 1000 metri |
| Wisa' - | ivarja minn metru għall-2 |
| Taraġ fil-blat - | 159 |
| Tul ta' *railing* preżenti - | 500 metru |
| Ħsara approssimattiva fiċ-ċangatura - | 30% |

Stima Finanzjarja tkopri -

Ċangatura
Qoxra taċ-ċangatura
*Railing* galvanizzat
Sistema tad-dawl
Kanċell galvanizzat
Bankijiet, *rubbish bins* u *pots*
Servizzi ta' Perit

Total - €20,000.
* Stima finanzjarja aktar dettaljata tingħata skont ix-xogħlijiet.

Bidu tal-proġett – Ottubru 2010.
Tmiem – Diċembru 2010.

**5.00 Materji oħra.**

5.01 Iċ-*Chairman* issuġġerixxa li l-Kumitat japplika għal attivita' għas-sena 2011 skont sejħa permezz ta' Memo 95/2010. Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar l-attivita' Xalar ix-Xlendi.

'Xalar ix-Xlendi' – edizzjoni ta' kull sena ta' numru ta' logħob kompetittiv organizzat fil-baħar fuq l-istil ta' 'Giochi senza Frontiere'.

Din hija risposta għall-fenomenu ta' logħob interattiv li qed iżomm in-nies quddiem skrin ta' kompjuter, li jqanqal għal ħajja sedentarju b' effetti negattivi fuq saħħet l-individwu.

Jitħeġġeġ mill-ġdid il-logħob parteċipattiv kemm fuq livell individwali u fuq livell ta' grupp. Logħob li jirrikjedi attivita' fiżika iżda mhux waħda li tinvolvi xi dixxiplina partikulari – għalhekk hu logħob inklussiv li ma jillimita lil ħadd milli jieħu sehem.

Tip ta' logħob li naturalment iqanqal spirtu uman ta' parteċipazzjoni, kooperazzjoni u għaqda – spirtu sportiv. Il-parteċipazzjoni tinkludi wkoll lit-turisti li jkunu Għawdex, partikolarment fix-Xlendi - 'prodott miżjud' fil-btala tagħhom.

L-attivita' hija mfassla fuq l-organizazzjoni ta' logħob, kemm fuq livell individwali u gruppi li jikkompetu kontra xulxin. Il-partikolarita' tinsab li l-logħob hu wieħed li juża 'props' kemmxejn kbar u marbutin fil-bajja, magħmulin minn materjal li jżomm fil-wiċċ tal-baħar u miksi bil-foam. Dan għandu jagħmel l-attivita' waħda oriġinali, eċitanti u mistennija minn edizzjoni għal oħra.

Attivita’ kulturali / sportiva bil-potenzjal li titniżżel fil-kalendarju annwali għawdxi, partikolarment bħala l-aħħar ‘xalata’ ta’ ħdejn il-baħar, wara li jkunu għaddew il-festi, u qabel ma jerġgħu jiftħu l-iskejjel – attivita’ li timmarka l-għeluq ta’ l-istaġun tas-Sajf.

Din l-attivita’ għandha tgħin biex iġġebbed bi ftit iktar il-fenomenu ta’ staġjonalita’ fil-gżira għawdxija, li diġa’ tibda tinħass malli jaqleb Settembru. L-attivita’ ppjanata għandha spirtu popolari qawwi – dan jipprometti livell għoli ta’ parteċipazzjoni, li jsarraf fil-proġett ikun wieħed ta’ suċċess, u jixpruna u jiġġustifika l-kontinwita’ tiegħu minn sena għall-oħra.

‘Xalar ix-Xlendi’ hu l-isforz fuq livell ta’ Kumitat Amministrattiv Xlendi fi ħdan il-Kunsill Lokali Munxar li jkabbar it-tradizzjoni diġa’ preżenti ta’ logħob tal-baħar fix-Xlendi (il-Ġostra u logħob tal-ħbula ta’ żmien il-Festa). Ix-Xlendi hija l-unika lokalita’ tal-baħar f’ Għawdex fejn jiġi organizzat logħob bit-tema tal-baħar.

Din l-attivita’ għandha tiġbed iktar nies lejn il-Bajja tax-Xlendi, filwaqt li toffri prodott miżjud lil min diġa’ jiffrekwenta din il-lokalita’. Attivita’ bħal din tgħolli l-immaġini għolja li jżomm ix-Xlendi – dik ta’ lokalita’ bi sbuħija naturali partikolari, lokalita’ li fiha jirrenja element ta’ informalita’ u ‘laid back’ fejn wieħed isib is-serħan, u issa – grazzi għal dan il-proġett – lokalita’ li tagħraf il-bżonn li dejjem tiġġedded filwaqt li żżomm il-karatteristiċi tagħha.
Ix-Xlendi mhix bajja miftuħa u għalhekk dan il-logħob jitgawda minn kullimkien, u jżomm lin-nies imxerrda mall-Bajja kollha.

Din l-attivita’ ser ssir il-Ħadd, 18 ta’ Settembru 2011, minn-nofsinhar ‘il quddiem.

Il-*budget* għal din l-attivita’ huwa dan:

| | | |
|---|---|---|
| Animators - | | €500 |
| Kostruzzjoni - | Logħob fuq l-art - | €1,000 |
| | Sponża iebsa - | €250 |
| | Ċatra - | €2,500 |
| | Żebgħa - | €200 |
| | *Cushions* tal-*canvas* - | €1,000 |
| | Ħbula - | €250 |
| | *Stainless steel fittings* - | €50 |
| Reklamar - | *Posters* A3 | |
| | *Posters* A5 mal-posta - | €2,500 |
| P.A. *System* - | | €250 |
| Servizz ta’ Preżentatur - | | €35 |
| Servizz ta’ *Referee* - | | €50 |
| *Red Cross* - | | €200 |
| *Insurance* - | | €500 |
| *Trophies* - | | €700 |
| | TOTAL: | **€9,985** |

5.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kien irċieva ittra mingħand ir-Rettur tal-Knisja Madonna tal-Karmnu, Xlendi bħala risposta għall-ittra tal-Kumitat Amministrattiv rigward il-Ġostra u l-Logħob tal-baħar. Fil-fatt din l-attivita' diġa' saret u fil-*poster* li sar minnu stess ġie miktub dan: "Il-Kumitat għal Sport tal-baħar imwaqqaf fi ħdan il-Knisja tax-Xlendi flimkien u bil-għajnuna tal-Kumitat Amministattiv Xlendi (Kunsill Lokali Munxar) ser jorganizzaw il-Ġostra Tradizzjonali tax-Xlendi u Logħob tal-baħar nhar il-Ħadd, 5 ta' Settembru 2010 mit-3pm sas-6pm". Iċ-*Chairman* irrimarka li hekk kif inkiteb fil-*poster*, huwa konformi mar-Regolamenti Finanzjarji u dan qed jgħidu wara li ħa parir legali. Wara li saret diskussjoni mill-membri, ġie deċiż li tinkiteb ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tiġi ċċarata din il-materja.

5.03 Iċ-*Chairman* issuġġerixxa li japplika għall-Inizjattiva Ambjentali biex tiċċelebra għeluq l-20 sena ħidma tal-Kumpanija Vodafone permezz ta' Memo 118/2010. Ġie deċiż li l-Kumitat jivverifika mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali jekk il-proġett huwa wieħed li diġa' twettaq jew li se jitwettaq.

5.04 Il-Kumitat beda' jiddiskuti dwar l-offerti għal-lampi u sistema ta' dwal ġodda fix-Xlendi. Ġie deċiż li l-Kumitat jaħtar Inġinier sabiex jagħti l-pariri tekniċi fuq is-sejħiet mitfugħin. Is-Sindku, s-Sur Joseph Sultana ssuġġerixxa li jinħatar l-Inġinier Jeffrey Muscat u peress li dan jaħdem mal-Ministeru għal Għawdex il-Kunsill ma jħallas l-ebda miżati. Ġie deċiż li f' każ li dan ma jaċċettax il-Kunsill jikkummissjona lil Galea Curmi Engineering Consultants Ltd.

5.05 Is-Sindku, s-Sur Joseph Sultana informa lill-Kumitat li resident li joqgħod fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi qed jitlob sabiex siġra li qiegħda quddiem ir-residenza tiegħu titneħħa.
Ġie deċiż li l-ewwel isir tentattiv sabiex din is-siġra tinżabar b' mod professjonali u wara li jsir dan ikun jista' jikkonsidra li l-Kumitat jitlob li din is-siġra tinqala'.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairman.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***